IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.2.2013
COM(2013) 78 final

2013/0049 (COD)

IL-PAKKETT DWAR IS-SIGURTÁ TAL-PRODOTTI U S-SORVELJANZA TAS-SUQ

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 33 final}
{SWD(2013) 34 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-moviment liberu ta' prodotti siguri għall-konsumatur huwa wieħed mill-pilastri ewlenin tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa pilastru importanti tas-suq uniku, u lill-konsumaturi jagħtih kunfidenza meta jkun qed jixtri l-prodotti.

Din il-proposta għal Regolament dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur, li se jieħu post id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti[1] ("id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti" jew sempliċiment il-GPSD), tikkonċerna prodotti mmanifatturi għall-konsumatur u li mhumiex għall-ikel. Anke bħall-GPSD, ir-Regolament propost li l-prodotti għall-konsumatur jridu jkunu "siguri", jistabbilixxi ċerti obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi u fih dispożizzjonijiet għall-iżvilupp ta' standards favur ir-rekwiżit ġenerali tas-sigurtà.

Madanakollu, it-tħaddim tar-Regolament propost u r-relazzjoni tiegħu ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni se jkun razzjonalizzat u ssimplifikat b'mod sinifikanti filwaqt li jżomm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi.

Meta r-regoli tas-sorveljanza tas-suq jirfsu l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi stabbiliti f'bosta atti ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni (il-GPSD, ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti[2] u leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur li tkopri wkoll il-prodotti għall-konsumatur), tinħoloq konfużjoni kemm għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali u tixxekkel serjament l-effikaċja tal-attività tas-sorveljanza tas-suq fl-Unjoni.

Din il-proposta għandha l-għan li tiċċara l-qafas regolatorju għall-prodotti għall-konsumatur filwaqt li tqis l-iżviluppi leġiżlattivi fis-snin riċenti bħall-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Prodotti adottata fl-2008[3], l-allinjament tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur mal-qafas il-ġdid[4] u d-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013 ta' Regolament ġdid dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea[5].

Il-proposta hija parti mill-"Pakkett dwar is-Sigurtà tal-Prodotti u s-Sorveljanza tas-Suq" li tinkludi wkoll proposta għal regolament dwar is-sorveljanza tas-suq uniku u pjan ta' azzjoni pluriennali għas-sorveljanza tas-suq li jkopri l-perjodu mill-2013 sal-2015. L-Att dwar is-Suq Uniku (2011)[6] identifika r-reviżjoni tal-GPSD u t-tfassil ta' pjan għas-sorveljanza tas-suq bħala inizjattivi li se jgħinu biex jagħtu spinta lit-tkabbir u jinħolqu l-impjiegi. L-Att II dwar is-Suq Uniku[7], adottat fl-2012, jikkonferma l-"Pakkett dwar is-Sigurtà tal-Prodotti u s-Sorveljanza tas-Suq" bħala

---

1 ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.
2 ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.
3 Li jikkonsisti mir-Regolament (UE) Nru 765/2008 u d-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.
4 Adottati mill-Kummissjoni fil-21 ta' Novembru 2011, http://ec.europa.eu/enterprise/policies/single-market-goods/internal-market-for-products/new-legislative-framework/index_en.htm.
5 Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012, ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.
6 COM(2011) 206 finali.
7 COM(2012) 573 finali.

azzjoni ewlenija "biex titjieb is-sigurtà tal-prodotti li jduru mal-UE permezz ta' koerenza aħjar u infurzar tar-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq".

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Mill-2009 sal-2011, il-Kummissjoni għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi estensivi dwar r-reviżjoni tal-GPSD dwar l-ambitu tal-valutazzjoni tal-impatt. Wara d-definizzjoni tal-ambitu tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni proċediet għat-tieni sessjoni ta' konsultazzjoni pubblika li kkonċentrat fuq erba' oqsma sostantivi ewlenin għal titjib fir-reġim tas-sigurtà tal-prodotti tal-UE: (i) il-proċeduri biex jobbligaw l-istandards skont il-GPSD għal prodotti mhux armonizzati, (ii) armonizzazzjoni tal-evalwazzjonijiet tas-sigurtà, (iii) koperazzjoni u koordinazzjoni tas-sorveljanza tas-suq, inkluż il-funzjonament tas-Sistema tal-UE ta' Informazzjoni Rapida (RAPEX) u l-kanali online tad-distribuzzjoni, u (iv) l-allinjament mal-Pakkett dwar il-Moviment Liberu tal-Oġġetti.

It-tieni sessjoni ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-problemi identifikati u s-soluzzjonijiet proposti mill-Kummissjoni saret bejn Mejju u Diċembru 2010. Bejn it-18 ta' Mejju u l-20 ta' Awwissu 2010, il-Kummissjoni għamlet konsultazzjoni pubblika bl-internet b'fokus fuq dawk l-erba' oqsma. Il-Kummissjoni fittxet ir-rispons b'erba' dokumenti ta' konsultazzjoni u b'disa' kwestjonarji onlajn immirati lejn bosta gruppi ta' partijiet interessati. Wieġbu 55 awtorità nazzjonali, mill-Istati Membri kollha tal-UE ħlief wieħed u min-Norveġja, l-Islanda u l-Isvizzera. Bosta partijiet interessati oħra, inklużi aktar minn tletin assoċjazzjoni tan-negozju, 17-il organizzazzjoni tal-konsumatur, u aktar minn 50 operatur ekonomiku individwali (inklużi bosta SMEs) ħadu sehem f'din il-konsultazzjoni. B'kollox, waslu 305 tweġibiet mid-disa' kwestjonarji onlajn. Barra minn hekk, 13-il negozju u organizzazzjoni tal-konsumaturi taw dokumenti ta' pożizzjoni separata. Matul il-perjodu ta' konsultazzjoni saru għadd ta' preżentazzjonijiet u skambji diretti mal-partijiet interessati (kemm mal-organizzazzjonijiet tan-negozju kif ukoll mal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur).

It-tieni sessjoni ta' konsultazzjoni pubblika ntemmet b'konferenza internazzjonali tal-partijiet interessati dwar ir-"Reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti" fl-1 ta' Diċembru 2010 li matulha l-Kummissjoni rċeviet rispons mingħand il-partijiet interessati dwar il-konklużjonijiet ewlenin tal-konsultazzjoni pubblika bl-internet.

It-tielet sessjoni ta' konsultazzjoni pubblika saret bejn Jannar u Marzu 2011. Din ħadet il-forma ta' laqgħat immirati għall-partijiet interessati bil-parteċipazzjoni ta' esperti fl-oqsma rilevanti. Dawn il-laqgħat koprew suġġetti strutturali, inklużi l-organizzazzjoni tal-koordinazzjoni tas-sorveljanza tas-suq, l-impatt tad-definizzjonijiet il-ġodda tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi (b'mod partikolari l-obbligi tat-traċċabbiltà), proċeduri biex jitwaqqfu mandati li jwasslu biex jitwaqqfu standards Ewropej skont il-GPSD u modi biex tkun stabbilita struttura ċara u li tista' tiftiehem għar-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti li mhumiex għall-ikel.

Wieħed mir-riżultati tal-proċess tal-konsultazzjoni pubblika u d-djalogu mal-partijiet interessati kien li jkunu trasferiti r-regoli tas-sorveljanza tas-suq mill-GPSD attwali għal Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq ġdid u awtonomu li jrid jinħoloq u jiġi adottat id f'id mal-proposta attwali għar-reviżjoni tal-GPSD.

Il-valutazzjoni tal-impatt li ħejjiet il-Kummissjoni biex tkun tkopri aspetti relatati ma' din il-proposta kif ukoll mal-proposta għal Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq ġdid. F'Settembru 2012 il-Bord tal-Kummissjoni għall-Valutazzjoni tal-Impatt ta opinjoni favorevoli.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Il-kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet**

Ir-Regolament propost jidentifika b'mod ċar il-kamp tal-applikazzjoni tiegħu meta mqabbel mal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur. Filwaqt li l-prinċipju ġenerali li kull prodott għall-konsumatur li mhuwiex għall-ikel irid ikun sigur, japplika dejjem u kullimkien, l-obbligi aktar dettaljati tal-operaturi ekonomiċi japplikaw biss għal dawk l-operaturi li mhumiex soġġetti għal obbligi korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni li tkopri settur speċifiku tal-prodotti. Il-Kummissjoni beħsiebha tfassal gwida li se tgħin lin-negozji, b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u medji, biex jidentifikaw liema leġiżlazzjoni tapplika għall-prodotti għall-konsumatur li huma jimmanifatturaw jew iqassmu.

It-taqsima tad-definizzjonijiet ġiet aġġornata u, fejn applikabbli, allinjata mal-Qafas Leġiżlattiv il-ġdid għall-Kummerċjalizzazzjoni tal-Prodotti[8].

- **Ir-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi**

Ir-rekwiżit li kull prodott għall-konsumatur irid ikun sigur meta jitqiegħed jew ikun disponibbli fis-suq tal-Unjoni huwa pilastru fundamentali tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tas-sigurtà tal-prodotti. Dan ir-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali tal-prodotti li diġa huwa stabbilit fil-GPSD, inżamm. Madanakollu, it-tħaddim tiegħu fil-prattika se jkun issimplifikat b'mod sinifikanti għax se tiddaħħal rabta ċara mal-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur u se jkunu ssimplifikati r-regoli dwar l-istandards.

Għandu jkun preżunt li l-prodotti għall-konsumatur li jkunu konformi mal-leġislazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur bil-għan li tiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni, ikunu siguri wkoll permezz ta' dan ir-Regolament propost. Jekk dawn ma jkunux konformi mal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni applikabbli, dawn ma jgawdux mill-preżunzjoni tas-sigurtà iżda l-korrezzjoni ta' sitwazzjoni bħal din tiġi rregolata minn leġiżlazzjoni speċifika għas-settur flimkien ma' regolament futur dwar is-sorveljanza tas-suq uniku.

Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi l-obbligi elementari tal-operaraturi ekonomiċi (il-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri) involuti fil-katina tal-provvista tal-prodotti għall-konsumatur diment li dawn ma jkunux soġġetti għar-rekwiżiti korrispondenti fil-leġislazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur. L-obbligi huma msejsa fuq id-dispożizzjonijiet ta' referenza stabbiliti fid-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti[9], u jindirizzaw, fost l-oħrajn, kwistjonijiet relatati mal-ittikkettar, l-identifikazzjoni tal-prodott, azzjonijiet korrettivi li għandhom jittieħdu f'każ ta' prodotti mhux siguri u l-informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. B'mod proporzjonat mar-riskji potenzjali tal-prodotti tagħhom, il-manifatturi se jkunu obbligati jistabbilitxxu dokumentazzjoni teknika

[8] Ara n-nota 3 f'qiegħ il-paġna.
[9] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.

dwar il-prodotti tagħhom li għandu jkun fih l-informazzjoni meħtieġa biex jagħti prova li l-prodott tiegħu hu sigur.

Imsejsa bl-istess mod fuq id-Deċiżjoni 768/2008/KE, il-proposta teħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jidentifikaw l-operaturi li fornewhom bil-prodott u lil min ikunu fornewh. Fejn hu ġustifikat, minħabba r-riskji inerenti għal tipi speċifiċi ta' prodotti, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta miżuri li jkunu jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jistabbilixxu jew jaderixxu ma' sistema ta' traċċabbiltà elettronika.

- **L-użu ta' standards Ewropej**

  Bħall-GPSD, anke l-proposta għar-Regolament il-ġdid tiffavorixxi l-użu ta' standards li jsostnu l-implimentazzjoni tar-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali. Madanakollu, il-proċess li jidentifika l-istandards Ewropej eżistenti jew li jitlob l-iżvilupp ta' standards Ewropej li joħolqu l-preżunzjoni li prodott huwa sigur, kienu ssimplifikati b'mod sinifikanti u allinjati mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li jistabbilixxi qafas ġenerali ġdid għall-istandardizzazzjoni Ewropea[10]. Dan jenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni tagħti lil approċċ tal-koregolamentazzjoni u se jsaħħaħ l-użu ta' standards Ewropej li jappoġġjaw r-Regolament propost.

- **Trasferiment ta' regoli dwar is-sorveljanza tas-suq u RAPEX għal Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq ġdid**

  F'konformità mal-għan li tissaħħaħ u tkun issimplifikata s-sorveljanza tas-suq għall-prodotti kollha, kemm jekk armonizzati jew le, u kemm jekk maħsuba għall-konsumaturi jew għal professjonisti, id-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq u r-RAPEX li bħalissa hemm fil-GPSD ġiet trasferita fil-proposta għal Regolament ġdid dwar is-Sorveljanza tas-Suq uniku. Dan ir-Regolament il-ġdid joħloq sistema ta' livell wieħed li fiha r-regoli kollha dwar is-sorveljanza tas-suq jingħaqdu flimkien fi strument wieħed u li fiha r-RAPEX tkun sistema unika ta' twissija għal prodotti riskjużi. Aktar tagħrif qed jingħata fil-proposta għal Regolament dwar is-sorveljanza tas-suq tal-prodotti.

- **Il-kompetenza tal-Unjoni, is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u l-forma legali**

  Il-proposta hija msejsa fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jipprevedi l-istess bażi legali għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern li fuqu ġiet adottata l-GPSD attwali. Billi tirregola s-sigurtà tal-prodotti, l-Unjoni qed teżerċita s-setgħat kondiviżi tagħha skont l-Artikolu 4(2) tat-TFUE.

  Fis-suq intern, fejn il-prodotti jistgħu jiċċirkolaw liberament, ir-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti jistgħu b'mod effettiv jiġu adottati biss fil-livell ta' Unjoni. Dan huwa meħtieġ sabiex ikun garantit livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur (f'konformità mal-Artikolu 169 tat-TFUE) u sabiex jipprevjenu lill-Istati Membri milli jadottaw regolamenti diverġenti dwar il-prodott li jwasslu għal frammentazzjoni tas-suq uniku. Skont il-prinċipji tal-proporzjonalità u s-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.

  Il-proposta tieħu l-għamla ta' Regolament. Dan huwa l-istrument legali xieraq billi jimponi regoli ċari u dettaljati li jsiru applikabbli b'mod uniformi u fl-istess waqt madwar l-Unjoni. Dan jevita traspożizzjoni li tvarja minn Stat Membru għal ieħor u

[10] Ara n-nota 5 f'qiegħ il-paġna.

li x'aktarx twassal għal livelli differenti ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà u toħloq xkiel għas-suq intern. Is-sostituzzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni għandhom ukoll effett qawwi ta' simplifikazzjoni għax b'hekk l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jmexxu n-negozju tagħhom skont qafas regolatorju wieħed, minflok "iraqqgħu" l-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri.

- **Id-drittijiet fundamentali**

F'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, din il-proposta tara li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem (l-Artikolu 35 tal-Karta) u l-protezzjoni tal-konsumatur (l-Artikolu 38) billi tiżgura livell għoli ta' sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur li jkunu disponibbli fis-suq tal-Unjoni. Il-proposta taffettwa l-libertà tal-operaturi ekonomiċi li jagħmlu negozju (l-Artikolu 16) iżda l-obbligi imposti fuq il-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati, l-importaturi u d-distributuri tal-prodotti għall-konsumatur huma meħtieġa biex jiggarantixxu livell għoli ta' sigurtà ta' dawk il-prodotti.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet baġitarji oħrajn ħlief dawk relatati mal-ġestjoni tajba tar-Regolament li, fl-għamla tal-GPSD, diġà huwa parti mill-*acquis*, il-liġi tal-Unjoni. L-implikazzjonijiet baġitarji diġà huma previsti fil-programmi eżistenti jew proposti u jirrispettaw il-proposta tal-Kummissjoni għal qafas finanzjarju pluriennali ġdid. Id-dettalji huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża ma' din il-proposta.

5. SIMPLIFIKAZZJONI U REGOLAMENTAZZJONI INTELLIĠENTI

Din il-proposta tgħin biex tkun issimplifikata l-leġiżlazzjoni tal-UE u taderixxi mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni intelliġenti. Waqt li kienet qed tħejji din il-proposta, il-Kummissjoni ħadet kont tal-iżvilupp importanti ta' leġiżlazzjoni speċifika għas-settur li għandha l-għan li tiżgura s-sigurtà tal-prodotti u li normalment ma tagħmilx distinzjoni jekk il-prodotti koperti humiex maħsuba għall-konsumaturi jew għall-utenti professjonali. Bil-maqlub għal kif kienet is-sitwazzjoni 10 jew 15-il sena ilu, ma hemmx bżonn li jkun applikat aktar it-tieni saff ta' obbligi għall-operaturi ekonomiċi li diġà huma rregolati kif xieraq b'leġiżlazzjoni speċifika għas-settur. Fl-istess waqt, l-obbligi għal dawk li jipproduċu, jimportaw jew iqassmu prodotti għall-konsumatur li mhumiex koperti minn leġiżlazzjoni speċifika, fil-biċċa l-kbira tagħhom huma allinjati ma' dawk applikabbli għal prodotti armonizzati.

Dan l-approċċ se jnaqqas il-piż amministrattiv u l-ispejjeż ta' konformità għan-negozji, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji. Fil-futur, dawn jistgħu faċilment jidentifikaw is-sett ta' regoli applikabbli għall-attività kummerċjali tagħhom ħalli jiffrankaw l-ispejjeż mill-inċertezza legali.

Minħabba s-suġġett u l-għan tar-Regolament propost, il-mikrointrapriżi, kif tiddefinixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[11] ma jistgħux jiġu eżentati mir-rekwiżiti tiegħu għaliex ir-regoli li jimmiraw lejn il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni jridu japplikaw irrispettivament mid-daqs tal-operatur ekonomiku. Iżda l-mikrointrapriżi x'aktarx igawdu l-aktar mis-simplifikazzjoni li se ġġib magħha din il-biċċa leġiżlazzjoni ġdida li hija tajba għall-fini u tissostitwixxi

[11] ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

żewġ direttivi li spiċċa żmienhom. Il-Kummissjoni hija impenjata li tipprovdi gwida ulterjuri lin-negozji, b'mod partikolari lill-impriżi żgħar u medji, u lill-konsumaturi biex tgħinhom jidentifikaw faċilment id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom.

2013/0049 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[12],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti[13] tistabbilixxi r-rekwiżit li l-prodotti għall-konsumatur iridu jkunu siguri u li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri jridu jaġixxu kontra prodotti perikoluży kif ukoll jiskambjaw informazzjoni għal dan il-għan b'sistema Komunitarja ta' informazzjoni rapida RAPEX. Id-Direttiva 2001/95/KE jeħtiġilha tkun fundamentalment riveduta biex jittejjeb il-funzjonament tagħha u tiżgura konsistenza mal-iżviluppi fil-liġijiet tal-Unjoni fejn jidħlu s-sorveljanza tas-suq, l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi u l-istandardizzazzjoni. Fl-interessi taċ-ċarezza, id-Direttiva 2001/95/KE għandha titħassar u tinbidel b'dan ir-Regolament.

(2) Regolament huwa l-istrument legali xieraq peress li dan jimponi regoli ċari u dettaljati li ma jagħtux lok għal traspożizzjoni li tvarja bejn l-Istati Membri. Regolament jiżgura li r-rekwiżiti legali jkunu applikabbli fl-istess ħin fl-Unjoni kollha.

(3) Dan ir-Regolament irid jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 169 tat-TFUE. B'mod partikolari, dan għandu jkollu l-għan li jiżgura l-funzjonament tas-suq intern fejn jidħlu l-prodotti maħsuba għall-konsumaturi billi jistabbilixxi regoli uniformi dwar rekwiżit tas-sigurtà ġenerali, il-kriterji tal-valutazzjoni u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi. Minħabba li r-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq, inklużi r-regoli dwar ir-RAPEX, huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru […/…] [*dwar is-sorveljanza tas-suq tal-prodotti*][14] li japplika wkoll għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, l-ebda dispożizzjonijiet ulterjuri dwar is-sorveljanza tas-suq jew tar-RAPEX ma huma meħtieġa f'dan ir-Regolament.

---

12 ĠU C , , p. .

13 ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

14 ĠU L , , p. .

(4) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ikel, l-għalf u oqsma relatati jistabbilixxi reġim speċifiku li jiżgura s-sigurtà tal-prodotti koperti minnha. Għalhekk dan ir-Regolament ma għandux japplika għal dawk il-prodotti bl-eċċezzjoni ta' materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel safejn ir-riskji huma konċernati, li mhumiex koperti mir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel[15] jew minn leġiżlazzjoni oħra dwar ikel speċifiku li tkopri biss riskji relatati ma' ikel kimiku u bijoloġiku.

(5) Il-prodotti mediċinali huma soġġetti għal evalwazzjoni qabel is-suq li tkun tinkludi analiżi speċifika tar-riskji u l-benefiċċji. Għalhekk dawn għandhom jiġu eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(6) Dan ir-Regolament ma għandux ikopri servizzi. Madanakollu, sabiex ikun żgurat li jkun hemm il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi, dan għandu japplika għal prodotti li jiġu fornuti jew huma disponibbli għal konsumaturi fil-kuntest tal-provvista tas-servizzi, inklużi prodotti li l-konsumaturi huma direttament esposti waqt il-provvista tas-servizz. It-tagħmir li jirkbu jew jivvjaġġaw fuqu l-konsumaturi u li jitħaddem minn fornitur tas-servizz għandu jkun eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament billi dan irid ikun trattat flimkien mas-sigurtà tas-servizz mogħti.

(7) Minkejja l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur li tindirizza l-aspetti tas-sigurtà ta' prodotti speċifiċi jew kategoriji tal-prodotti, prattikament huwa impossibbli li tiġi adottata leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal kull prodott għall-konsumatur li jeżisti jew li jista' jiġi żviluppat. Għaldaqstant hemm bżonn qafas leġiżlattiv ta' natura orizzontali biex jimla l-lakuni u jiżgura protezzjoni lill-konsumatur li mhux żgurat mod ieħor, b'mod partikolari bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-konsumaturi, kif meħtieġ bl-Artikolu 114 u l-Artikolu 169 tat-TFUE.

(8) Rigward il-prodotti għall-konsumatur soġġetti għal dan ir-Regolament, il-kamp ta' applikazzjoni tal-partijiet differenti tiegħu għandu jiġi identifikat b'mod ċar lil hinn mil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur. Filwaqt li r-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali tal-prodotti u dispożizzjonijiet relatati għandhom ikunu applikabbli għal kull prodott għall-konsumatur, l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi ma għandhomx japplikaw fejn il-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni tkun tinkludi l-obbligi ekwivalenti, bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kosmetiċi, il-ġugarelli, it-tagħmir elettriku jew il-prodotti għall-kostruzzjoni.

(9) Sabiex tiġi żgurata konsistenza bejn dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur dwar l-obbligi speċifiċi tal-operaturi ekonomiċi, id-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati, l-importaturi u d-distributuri, għandhom jissejsu fuq id-dispożizzjonijiet ta' referenza li hemm inklużi fid-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti[16].

(10) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandux ikun limitat għal kull teknika tal-bejgħ tal-prodotti għall-konsumatur, u għalhekk ikopri wkoll il-bejgħ mill-bogħod.

---

15 ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4.

16 ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.

(11) Dan ir-Regolament għandu japplika għal prodotti użati li jerġgħu jidħlu fil-katina tal-provvista waqt attività kummerċjali, ħlief għal dawk il-prodotti użati li għalihom il-konsumatur bir-raġun ma jkunx jista' jistenna li jilħqu standards tas-sigurtà moderni, bħalma huma l-antikitajiet.

(12) Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal prodotti għall-konsumatur li, għalkemm ma jkunux tal-ikel, ikunu jixbhu l-ikel u jistgħu jiġu mfixkla mal-ikel b'tali mod li l-konsumaturi, speċjalment it-tfal, jistgħu jixħtuhom f'ħalqhom, isoffuhom jew jibilgħuhom, u għalhekk minħabba fihom jaf pereżempju, jifggħu, jiġu avvelenati, jinqasmu minn ġewwa jew ikollhom xkiel għas-sistema diġestiva. S'issa dawn il-prodotti li jixbhu l-ikel ġew irregolati mid-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar prodotti li, minħabba li jidhru li jkunu xi ħaġa oħra milli fil-fatt ikunu, jipperikolaw is-saħħa jew s-sigurtà tal-konsumaturi[17], għandha titħassar.

(13) Is-sigurtà tal-prodotti għandha tiġi stmata billi jitqiesu l-aspetti rilevanti kollha, b'mod partikolari l-karatteristiċi u l-preżentazzjoni tagħhom kif ukoll il-kategoriji tal-konsumaturi li x'aktarx jużaw il-prodotti billi jitqiesu l-vulnerabbiltà tagħhom, b'mod partikolari t-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà.

(14) Biex ikun evitat li r-rekwiżiti tas-sigurtà jirfsu fuq xulxin u kunflitti ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, prodott konformi mal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur li jkollha l-għan li tħares is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni, għandu jkun preżunt li hu sigur skont dan ir-Regolament.

(15) L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu responsabbli mill-konformità tal-prodotti, fir-rigward tar-rwoli rispettivi fil-katina tal-provvista, sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi.

(16) Kull operatur ekonomiku li għandu sehem fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni għandu jieħu l-miżuri xierqa biex jiżgura li fis-suq jagħmel disponibbli biss dawk il-prodotti jkunu konformi ma' din ir-Regolament. Jeħtieġ li tkun prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu mar-rwol ta' kull operatur fil-proċess tal-provvista u d-distribuzzjoni.

(17) L-importaturi jerfgħu r-responsabbiltà li l-prodotti minn pajjiżi terzi li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Għalhekk l-obbligi speċifiċi tal-importaturi għandhom jiddaħħlu f'dan ir-Regolament.

(18) Id-distributuri jagħmlu prodott disponibbli fis-suq wara li dan ikun tqiegħed fis-suq mill-manifattur jew mill-importatur, u għandhom jaġixxi bl-attenzjoni dovuta biex jiżguraw li l-mod kif jittrattaw il-prodott ma jolqotx ħażin il-konformità tal-prodott ma' dan ir-Regolament.

(19) Kull operatur ekonomiku li jqiegħed prodott fis-suq f'ismu jew bil-marka kummerċjali tiegħu jew ibiddel prodott b'tali mod li tista' tintlaqat il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, għandu jitqies li huwa l-manifattur u għandu jassumi l-obbligi tal-manifattur.

(20) Li jkunu żgurati l-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà tal-prodotti matul il-katina tal-provvista kollha, jgħin biex ikunu identifikati l-operaturi ekonomiċi u biex jittieħdu miżuri korrettivi effikaċi kontra prodotti perikolużi, bħal sejħa lura mmirata. Għalhekk l-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà tal-prodotti jiżguraw li l-konsumaturi u l-operaturi ekonomiċi jkollhom informazzjoni preċiża dwar prodotti perikolużi biex b'hekk

[17] ĠU L 192, 11.7.1987, p. 42.

tiżdied il-kunfidenza fis-suq u jkun evitat ix-xkiel mhux meħtieġ tal-kummerċ. Għalhekk il-prodotti għandu jkollhom informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tagħhom u l-identifikazzjoni tal-manifattur u jekk inhu applikabbli, tal-importatur. Il-manifatturi għandhom jistabbilixxu wkoll dokumentazzjonijiet tekniċi dwar il-prodotti tagħhom u dan jistgħu jagħżlu li jagħmluh bl-aktar mod xieraq u kosteffiċjenti ngħidu aħna b'mezzi elettroniċi. Barra minn hekk, l-operaturi ekonomiċi jeħtiġilhom jidentifikaw l-operaturi li jkunu fornuhom bi prodott u lil min ikunu fornew prodott. Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[18] hija applikabbli għall-ipproċessar ta' dejta personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

(21) L-indikazzjoni tal-oriġini tissupplimenta r-rekwiżiti bażiċi tat-traċċabbiltà li għandhom x'jaqsmu mal-isem u l-indirizz tal-manifattur. B'mod partikolari, l-indikazzjoni tal-pajjiż tal-oriġini jgħin biex ikun identifikat il-post proprju tal-manifattura f'dawk il-każijiet kollha meta l-manifattur ma jkunx jista' jiġi kkuntattjat jew l-indirizz mogħti tiegħu jkun differenti mill-post proprju tal-manifattura. Informazzjoni bħal din tista' tħeffef il-kompitu tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jittraċċaw lura l-prodott lejn il-post proprju tal-manifattura, u permezz tagħha jkunu jistgħu jsiru kuntatti mal-awtoritajiet tal-pajjiż tal-oriġini fil-qafas tal-koperazzjoni bilaterali u multilaterali dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur biex jittieħdu l-azzjonijiet xierqa ta' segwitu.

(22) Sabiex titħeffef l-applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' dawn ir-rekwiżiti tas-sigurtà ġenerali stabbiliti f'dan ir-Regolament, huwa importanti li jintużaw standards Ewropej li jkopru ċerti prodotti u r-riskji b'tali mod li prodott konformi ma' standard Ewropew bħal dan, li r-referenza tiegħu tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikun preżunt li hu konformi ma' dak ir-rekwiżit.

(23) Meta l-Kummissjoni tagħraf il-bżonn li jkun hemm standard Ewropew li jiżgura konformità ta' ċerti prodotti mar-rekwiżit ġenerali tas-sigurtà skont dan ir-Regolament, din għandha tapplika d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea[19] biex titlob organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni, waħda jew aktar, biex tabbozza jew tidentifika standard li jkun xieraq biex jiżgura li l-prodotti konformi miegħu huma preżunti bħala siguri. Ir-referenzi ta' standards Ewropej bħal dawn għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(24) Il-proċeduri biex jintalbu l-istandards Ewropej li jappoġġaw dan ir-Regolament, u dwar l-oġġezzjonijiet formali kontrihom, għandhom jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament u jiġu allinjati mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Sabiex tkun żgurata konsistenza ġenerali fi kwistjonijiet tal-istandardizzazzjoni Ewropea, it-talbiet għal standards Ewropej jew l-oġġezzjonijiet għal standard Ewropew għandhom jitressqu quddiem il-kumitat li stabbilixxa dan ir-Regolament, wara konsultazzjoni xierqa mal-esperti tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà tal-prodott għall-konsumatur.

(25) L-istandards Ewropej, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati skont id-Direttiva 2001/95/KE, għandhom jibqgħu jagħtu l-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali. Il-mandati tal-istandardizzazzjoni li ħarġet il-Kummissjoni skont id-

[18] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[19] ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

Direttiva 2001/95/KE għandhom jitqiesu bħala talbiet tal-istandardizzazzjoni maħruġa skont dan ir-Regolament.

(26) Fejn ma jeżistu ebda standards Ewropej rilevanti jew mezzi oħra rikonoxxuti biex tkun eżaminata s-sigurtà tal-prodotti, il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni adottati għal dan l-iskop skont l-Artikolu 292 tat-TFUE.

(27) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni fejn jidħlu l-eżenzjoni mill-obbligu li jkunu infurmati l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar prodotti li joħolqu riskju, it-tip ta' trasportatur tad-dejta u tqegħid tiegħu fuq il-prodott għall-finijiet tas-sistema tat-traċċabbiltà, it-talbiet tal-istandardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni u d-deċiżjonijiet dwar l-oġġezzjonijiet formali għal standards Ewropej. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[20].

(28) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni fejn jidħlu l-oġġezzjonijiet għal standards Ewropej u meta r-referenzi għal standard Ewropew konċernat ma jkunx għadhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, diment li l-istandard relevanti jkun għadu ma ġiex għall-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali stabbilit f'dan ir-Regolament.

(29) Sabiex jinżamm livell għoli ta' saħħa u sigurtà tal-konsumaturi, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fejn jidħlu prodotti li l-isem u l-indirizz tal-manifattur u l-importatur tagħhom ma għandhomx għalfejn jidhru fuq il-prodott innifsu minħabba l-livell baxx ta' riskju relatat ma' dawn il-prodotti, u fejn jidħlu l-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà ta' prodotti li jkollhom riskju serju potenzjali għas-saħħa u s-sigurtà. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(30) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar penali applikabbli fuq ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn ikunu implimentati. Dawn il-penali jridu jkunu effettivi, proporzjonati u disważivi.

(31) Sabex l-operaturi ekonomiċi, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jadattaw għall-bidliet li daħħal dan ir-Regolament, huwa xieraq li jkun previst perjodu tranżitorju biżżejjed sakemm ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ikunu applikabbli.

(32) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jkun żgurat il-funzjonament tas-suq intern fejn jidħlu prodotti maħsuba għall-konsumaturi filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-qies tal-miżura, jista' jintlaħaq aħjar fuq livell ta' Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif inhu stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif inhu stabbilit f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan.

---

[20] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

(33) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji li rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura rispett sħiħ tal-obbligu li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' protezzjoni tal-konsumatur kif ukoll il-libertà li jsir negozju.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur li tqiegħdu jew li huma disponibbli fis-suq tal-Unjoni.

Artikolu 2

Il-kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal prodotti miksuba bi proċess ta' manifattura li tqiegħdu jew li huma disponibbli fis-suq, kemm jekk ġodda, użati jew kkundizzjonati mill-ġdid, u li huma konformi ma' xi wieħed minn dawn il-kriterji li ġejjin:
   (a) maħsuba għall-konsumaturi;
   (b) li x'aktarx, f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, ikunu se jintużaw mill-konsumaturi anke jekk ma jkunux maħsuba għalihom;
   (c) li l-konsumaturi jkunu esposti għalihom fil-kuntest ta' servizz mogħti lilhom.
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal prodotti li jridu jissewwew jew jiġu kkundizzjonati mill-ġdid qabel jintużaw, meta dawn il-prodotti jkunu saru disponibbli fis-suq bħala tali.
3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal dawn li ġejjin:
   (a) prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju;
   (b) ikel;
   (c) materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel safejn ir-riskji relatati ma' dawk il-prodotti jkunu koperti mir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 jew leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-ikel;
   (d) għalf;
   (e) pjanti ħajjin u annimali, organiżmi ġenetikament modifikati u mikroorganiżmi ġenetikament modifikati f'użu fil-magħluq, kif ukoll prodotti ta' pjanti jew annimali relatati direttament mar-riproduzzjoni futura tagħhom;
   (f) prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti dderivati;
   (g) prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

(h) tagħmir li jirkbu jew jivvjaġġaw fuqu l-konsumaturi u li jitħaddem minn fornitur tas-servizz fil-kuntest ta' servizz mogħti lill-konsumaturi;

(i) antikitajiet.

4. Il-Kapitoli II sa IV ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal prodotti soġġetti għal rekwiżiti maħsuba biex iħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem li huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni jew skontha.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "prodott sigur" tfisser kull prodott li, f'kundizzjonijiet normali jew raġonevolment prevedibbli tal-użu tal-prodott konċernat, inkluż it-tul taż-żmien tal-użu u fejn applikabbli d-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti tal-installazzjoni u l-manutenzjoni, ma joħloq ebda riskju jew joħloq biss ir-riskju minimi li huma kompatibbli mal-użu tal-prodott, meqjusa aċċettabbli u konsistenti ma' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni;

(2) "tagħmel disponibbli fis-suq" tfisser kull provvista ta' prodott għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni matul l-attività kummerċjali, kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll mingħajru;

(3) "tqiegħed fis-suq" tfisser l-ewwel darba li prodott isir disponibbli fis-suq tal-Unjoni;

(4) "manifattur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott, jew li għandha prodott iddisinjat jew immanifatturat u li tikkumerċjalizzah f'isimha jew bil-marka kummerċjali tagħha;

(5) "rappreżentant awtorizzat" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand manifattur sabiex taġixxi f'ismu fejn jidħlu kompiti speċifiċi;

(6) "importatur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;

(7) "distributur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, li mhix il-manifattur jew l-importatur, u li tagħmel il-prodott disponibbli fis-suq;

(8) "operaturi ekonomiċi" tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur u d-distributur;

(9) "standard Ewropew" tfisser standard Ewropew kif definit fl-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(10) "standard internazzjonali" tfisser standard internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(11) "standard nazzjonali" tfisser standard nazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(12) "organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni" tfisser organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni kif definit fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;

(13) "awtorità tas-sorveljanza tas-suq" tfisser awtorità tas-sorveljanza tas-suq kif definit fl-Artikolu [*3(12)*] tar-Regolament (UE) Nru [.../...] [*dwar is-sorveljanza tas-suq tal-prodotti*];

(14) "sejħa lura" tfisser kull miżura mmirata biex jittieħed lura prodott li jkun diġà sar disponibbli għall-utent aħħari;

(15) "irtirar" tfisser kull miżura maħsuba biex ma tħallix prodott fil-katina tal-provvista jibqa' disponibbli fis-suq;

(16) "leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni" tfisser kull leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti;

(17) "riskju serju" tfisser riskju li jeħtieġ intervent malajr u segwitu, inklużi każijiet meta l-effetti jaf ma jkunux immedjati.

Artikolu 4

Ir-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali

L-operaturi ekonomiċi għandhom iqiegħdu jew jagħmlu disponibbli fis-suq tal-Unjoni dawk il-prodotti biss li huma siguri.

Artikolu 5

Il-preżunzjoni tas-sigurtà

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, prodott għandu jiġi preżunt konformi mar-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali stabbilit fl-Artikolu 4 f'dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) fejn jidħlu r-riskji koperti minn rekwiżiti maħsuba biex iħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni jew skontha, jekk dan ikun konformi ma' dawn ir-rekwiżiti;

(b) fin-nuqqas ta' rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni jew skontha li tissemma fil-punt (a), fejn jidħlu r-riskji koperti mill-istandards Ewropej, jekk dan ikun konformi ma' standards Ewropej rilevanti jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mal-Artikoli 16 u 17;

(c) fin-nuqqas ta' rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni jew skontha li tissemma fil-punt (a) u l-istandards Ewropej imsemmija fil-punt (b), fejn jidħlu r-riskji li jkopri r-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà stabbiliti fil-liġi tal-Istat Membru meta l-prodott ikun sar disponibbli fis-suq, jekk dan ikun konformi ma' rekwiżiti nazzjonali bħal dawn.

Artikolu 6

Aspetti għall-valutazzjoni tas-sigurtà tal-prodotti

1. Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni, standards Ewropej jew rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà stabbiliti fil-liġi tal-Istat Membru meta l-prodott ikun sar disponibbli fis-suq kif jissemma fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 5, għandhom jitqiesu dawn l-aspetti li ġejjin fil-valutazzjoni jekk prodott ikunx sigur, b'mod partikolari:

(a) il-karatteristiċi tal-prodott, inklużi il-kompożizzjoni, l-imballaġġ, l-istruzzjonijiet għat-twaħħil u, fejn applikabbli, għall-installazzjoni u l-manutenzjoni;

(b) l-effett fuq prodotti oħra, fejn ikun raġonevolment prevedibbli li dan se jintuża ma' prodotti oħra;

(c) il-preżentazzjoni tal-prodott, l-ittikkettar, kwalunkew twissija u istruzzjoni dwar l-użu u d-disponiment tiegħu u kull indikazzjoni jew tagħrif ieħor dwar il-prodott;

(d) il-kategoriji tal-konsumaturi li huma f'riskju meta jintużaw il-prodott, b'mod partikolari l-konsumaturi vulnerabbli;

(e) id-dehra tal-prodott u b'mod partikolari meta prodott, għalkemm ma jkunx tal-ikel, ikun jixbah l-ikel u jista' jiġi mfixkel mal-ikel minħabba l-għamla, ir-riħa, il-kulur, id-dehra, l-imballaġġ, l-ittikkettar, il-volum, id-daqs tiegħu jew karatteristiċi oħra.

Il-fattibbiltà li jistgħu jintlaħqu livelli ogħla ta' sigurtà jew id-disponibbiltà ta' prodotti oħra li joħolqu grad inqas ta' riskju, ma għandhomx joħolqu raġunijiet biex prodott jitqies perikoluż.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, waqt il-valutazzjoni jekk prodott huwiex sigur, għandhom jitqiesu dawn l-aspetti li ġejjin, meta disponibbli, b'mod partikolari:

(a) l-aqwa kwalità u teknoloġija;

(b) L-istandards Ewropej ħlief dawk li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikoli 16 u 17;

(c) standards internazzjonali;

(d) ftehimiet internazzjonali;

(e) rakkommndazzjonijiet u linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tas-sigurtà tal-prodotti;

(f) standards nazzjonali mfassla fl-Istat Membru li fih il-prodott isir disponibbli;

(g) il-kodiċijiet tal-prattiċi t-tajba dwar is-sigurtà tal-prodott li jkunu fis-seħħ fis-settur konċernat;

(h) aspettattivi raġonevoli tal-konsumatur dwar is-sigurtà.

Artikolu 7

Indikazzjoni tal-oriġini

1. Il-manifatturi u l-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodotti jkollhom indikazzjoni tal-pajjiżi tal-oriġini tal-prodott jew, meta d-daqs jew in-natura tal-prodott ma jippermettux dan, tingħata indikazzjoni fuq l-imballaġġ jew fid-dokument li jkun hemm mal-prodott.

2. Għall-fini biex jinstab il-pajjiż tal-oriġini skont it-tifsira tal-paragrafu 1, għandhom japplikaw ir-regoli dwar l-oriġini mhux preferenzjali stabbiliti fl-Artikoli 23 sa 25 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Komunità tal-Kodiċi Doganali[21].

[21] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

3. Meta l-pajjiż tal-oriġini li jkun instab skont il-paragrafu 2 ikun Stat Membru tal-Unjoni, il-manifatturi u l-importaturi jistgħu jirreferu għall-Unjoni jew għal Stat Membru partikolari.

KAPITOLU II

Obbligi tal-operaturi ekonomiċi

Artikolu 8

L-obbligi tal-manifatturi

1. Il-manifatturi, meta jqiegħdu l-prodotti tagħhom fis-suq, għandhom jiżguraw li dawn ikunu ġew iddisinjati u mmanifatturati skont ir-rekwiżiti tas-sigurtà ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 4.

2. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li hemm proċeduri fis-seħħ biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' konformi mar-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 4.

3. B'mod proporzjonat mar-riskji possibbli ta' prodott, il-manifatturi, biex iħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi, għandhom jittestjaw kampjuni ta' prodotti disponibbli fis-suq, jistħarġu l-ilmenti u jżommu reġistru tal-ilmenti, ta' prodotti mhux konformi u ta' sejħa lura ta' prodotti, u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kull monitoraġġ ta' dan it-tip.

4. B'mod proporzjonat mar-riskji possibbli ta' prodott, il-manifatturi għandhom ifasslu dokumentazzjoni teknika. Id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha, kif xieraq:

   (a) deskrizzjoni ġenerali tal-prodott u tal-proprjetajiet essenzjali tiegħu li huma rilevanti għall-valutazzjoni tas-sigurtà tal-prodott;

   (b) analiżi tar-riskji possibbli relatati mal-prodott u s-soluzzjonijiet adottati biex jitneħħew jew jitnaqqsu dawn ir-riskji, inkluż ir-riżultat ta' kull test li jkun għamel il-manifattur jew parti oħra f'ismu;

   (c) fejn japplika, lista tal-istandards Ewropej imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 5 jew ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà stabbiliti fil-liġi tal-Istat Membru meta l-prodott ikun sar disponibbli fis-suq li jissemmew fil-punt (c) tal-Artikolu 5, jew aspetti oħra li jissemmew fl-Artikolu 6(2), applikati biex jissodisfaw ir-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali stabbilit fl-Artikolu 4.

   Meta xi standards Ewropej, rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà jew aspetti oħra msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu jkunu ġew applikati biss parzjalment, għandhom jiġu identifikati l-partijiet li ġew applikati.

5. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika għal 10 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq, u jagħmluha disponibbli għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jekk dawn jitolbuhielhom.

6. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikollhom numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tal-prodott, li l-konsumaturi jkunu jistgħu jarawh u jaqrawh faċilment jew li, meta d-daqs jew in-natura tal-prodott ma jippermettux dan, tingħata l-informazzjoni meħtieġa fuq l-imballaġġ jew fid-dokument li jkun hemm mal-prodott.

7. Il-manifatturi għandhom iniżżlu isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew il-marka kummerċjali rreġistrata tagħhom u l-indirizz tal-kuntatt fuq il-prodott jew, meta dan

ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew fid-dokument li jkun hemm miegħu. L-indirizz għandu jagħti punt wieħed fejn il-manifattur ikun jista' jiġi kkuntattjat.

8. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodott tagħhom ikolli miegħu l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'lingwa li l-konsumaturi jifhmuha faċilment, kif jiddetermina l-Istat Membru fejn il-prodott ikun sar disponibbli, ħlief meta l-prodott ikun jista' jintuża mingħajr periklu u kif maħsub mill-manifattur mingħajr dawn l-istruzzjonijiet u din l-informazzjoni dwar is-sikurezza.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kull dispożizzjoni li jkunu adottaw li tiddetermina l-lingwa/i meħtieġa.

9. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott li jkunu qiegħdu fis-suq mhux sigur jew inkella mhux konformi ma' dan ir-Regolament għandhom minnufih jieħdu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dan il-prodott isir konformi, jirtirawh jew jiħduh lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-prodott ma jkunx sigur, il-manifatturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu l-prodott disponibbli għal dan il-għan, filwaqt li jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar ir-riskju għas-saħħa u s-sigurtà u dwar l-azzjoni korrettiva meħuda.

Artikolu 9

Ir-rappreżentanti awtorizzati

1. Il-manifattur jista', b'mandat bil-miktub, jaħtar rappreżentant awtorizzat.

L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u (4) ma għandhomx ikunu parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

2. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jirċievi mingħand il-manifattur. Il-mandat għandu jħalli lir-rappreżentant awtorizzat jagħmel mill-inqas dan li ġej:

(a) wara talba mingħand awtorità tas-sorveljanza tas-suq, lil din l-awtorità jagħtiha kull informazzjoni u dokumentazzjoni meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-prodott;

(b) jikkopera mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, fuq talba tagħhom, f'kull azzjoni li tittieħed biex jitneħħew ir-riskji li ħolqu prodotti koperti mill-mandat tagħhom.

Artikolu 10

L-obbligi tal-importaturi

1. Qabel iqiegħdu prodott fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun konformi mar-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 4 u li l-manifattur ikun kkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(4), (6) u (7).

2. Meta importatur iqis jew ikollu raġunijiet biex jemmen li prodott ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, dan ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq qabel dan ikun sar konformi. Barra minn hekk, meta prodott ma jkunx sigur, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit għal dan il-għan.

3. L-importaturi għandhom iniżżlu isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew il-marka kummerċjali rreġistrata tagħhom u l-indirizz tal-kuntatt fuq il-prodott jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew fid-dokument li jkun hemm mal-prodott. Dawn għandhom jiżguraw li kull tikketta addizzjonali ma tgħatti l-ebda informazzjoni li jkun hemm fuq it-tikketta mogħtija mill-manifattur.

4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodott tagħhom ikolli miegħu l-istruzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'lingwa li l-konsumaturi jifhmuha faċilment, kif iddetermina l-Istat Membru fejn il-prodott ikun sar disponibbli, ħlief meta l-prodott ikun jista' jintuża mingħajr periklu u kif maħsub mill-manifattur mingħajr dawn l-istruzzjonijiet u din l-informazzjoni dwar is-sikurezza.

   L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kull dispożizzjoni li jkunu adottaw li tiddetermina l-lingwa/i meħtieġa.

5. L-importaturi għandhom jiżguraw li, waqt li l-prodott ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jkunux qed ipoġġu f'periklu l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti tas-sigurtà ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 4 u l-konformità tiegħu mal-Artikolu 8(6).

6. B'mod proporzjonat mar-riskji possibbli ta' prodott, l-importaturi, biex iħarsu s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni, għandhom jittestjaw kampjuni ta' prodotti disponibbli fis-suq, jistħarġu l-ilmenti u jżommu reġistru tal-ilmenti, ta' prodotti mhux konformi u ta' sejħa lura ta' prodotti, u għandhom iżommu lill-manifattur u lid-distributuri informati dwar kull monitoraġġ bħal dan.

7. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott li jkunu qiegħdu fis-suq mhux sigur jew inkella mhux konformi ma' dan ir-Regolament għandhom minnufih jieħdu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dan il-prodott isir konformi, jirtirawh jew jiħduh lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-prodott ma jkunx sigur, il-manifatturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu l-prodott disponibbli għal dan il-għan, filwaqt li jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar ir-riskju għas-saħħa u s-sigurtà u dwar l-azzjoni korrettiva meħuda.

8. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika għal 10 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq, u jagħmluha disponibbli għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jekk dawn jitolbuhielhom.

Artikolu 11

L-obbligi tad-distributuri

1. Meta distributur jagħmel prodott disponibbli fis-suq, dan għandu jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fejn jidħlu r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

2. Qabel jagħmlu prodott disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-manifattur u l-importatur ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(6), (7) u (8) u mal-Artikolu 10(3) u (4), kif applikabbli.

3. Meta distributur iqis jew ikollu raġunijiet biex jemmen li prodott ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, dan ma għandux jagħmel il-prodott disponibbli fis-suq qabel dan ikun sar konformi. Barra minn hekk, meta prodott ma jkunx sigur, id-distributur għandu jinforma lill-manifattur jew lill-importatur, kif applikabbli, għal dan il-għan kif ukoll lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih id-distributur huwa stabbilit.

4. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, waqt li l-prodott ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jkunux qed ipoġġu f'periklu l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4 u l-konformità tiegħu mal-Artikolu 8(6), (7) u (8) u mal-Artikolu 10(3) u (4), kif applikabbli.

5. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jaħsbu li prodott li huma jkunu għamlu disponibbli fis-suq ma jkunx sigur jew ma jkunx konformi mal-Artikolu 8(6), (7) u (8) u mal-Artikolu 10(3) u (4), kif applikabbli, dawn għandhom jiżguraw li tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dan il-prodott isir konformi, jirtirawh jew jiħduh lura, kif ikun xieraq. Barra minn hekk, meta l-prodott ma jkunx sigur, id-distributuri għandhom jinformaw minnufih lill-manifattur jew lill-importatur, kif applikabbli kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu l-prodott disponibbli għal dan il-għan, filwaqt li jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar ir-riskju għas-saħħa u s-sigurtà u dwar l-azzjoni korrettiva meħuda.

Artikolu 12

Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u għad-distributuri

Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 8, meta dan ikun qiegħed prodott fis-suq f'ismu jew bil-marka kummerċjali tiegħu jew ibiddel prodott li jkun diġà tqiegħed fis-suq b'tali mod li tista' tintlaqat il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 13

Eżenzjoni minn ċerti obbligi tal-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri

1. L-obbligu li jkunu informati l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq skont l-Artikolu 8(9), l-Artikolu 10(2) u (7) u l-Artikolu 11(3) u (5) ma għandux japplika meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) għadd limitat biss ta' prodotti definiti sew ma jkunux siguri;

   (b) il-manifattur, l-importatur jew id-distributur ikun jista' juri li r-riskju ġie kkontrollata għalkollox u ma jistax ipoġġi s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni fil-periklu;

   (c) il-kawża tar-riskju tal-prodott hija tali li l-għarfien dwarha ma jirrappreżentax informazzjoni utli għall-awtoritajiet jew għall-pubbliku.

2. Il-Kummissjoni, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, tista' tiddetermina s-sitwazzjonijiet li jilħqu l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 1. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 20 li jiddeterminaw il-prodotti, il-kategoriji jew il-gruppi tal-prodotti li għalihom, minħabba l-livell baxx tar-riskju tagħhom, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(7) u fl-Artikolu 10(3) ma għandhiex għalfejn tidher fuq il-prodott innifsu.

Artikolu 14

Identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi

1. Meta jintalbu, l-operaturi ekonomiċi għandhom jidentifikaw dan li ġej għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq:

   (a) kull operatur ekonomiku li jkun forniehom bil-prodott;

   (b) kull operatur ekonomiku li huma jkunu fornew bil-prodott.

2. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu kapaċi jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għal perjodu ta' 10 snin wara li jkunu ġew fornuti bil-prodott u għal perjodu ta' 10 snin wara li jkunu fornew il-prodott.

Artikolu 15

It-traċċabbiltà tal-prodotti

1. Għal ċerti prodotti, kategoriji jew gruppi tal-prodotti li, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom jew il-kundizzjonijiet speċifiċi tad-distribuzzjoni jew l-użu, huma suxxettibbli li jkollhom riskju gravi għas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni, il-Kummissjoni tista' teżiġi li l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu u jagħmel disponibbli dawk il-prodotti fis-suq, jistabbilixxu jew jaderixxu għal sistema tat-traċċabbiltà.

2. Is-sistema tat-traċċabbiltà għandha tikkonsisti mill-ġbir u l-ħżin tad-dejta b'mezzi elettroniċi li jippermettu l-identifikazzjoni tal-prodott u tal-operaturi ekonomiċi involuti fil-katina tal-provvista tiegħu kif ukoll tat-tqegħid ta' trasportatur tad-dejta fuq il-prodott, fuq l-imballaġġ tiegħu jew fid-dokument li jkun hemm miegħu li jippermettu l-aċċess għal dik id-dejta.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 20:

   (a) tiddetermina l-prodotti, il-kategoriji jew il-gruppi tal-prodotti suxxettibbli li jkollhom riskju gravi għas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kif jissemma fil-paragrafu 1;

   (b) tispeċifika d-dejta li għandhom jiġbru u jaħżnu l-operaturi ekonomiċi permezz tas-sistema tat-traċċabbiltà li tissemma fil-paragrafu 2.

4. Il-Kummissjoni, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni tista' tiddetermina t-tip ta' trasportatur tad-dejta u t-tqiegħed tiegħu kif jissemma fil-paragrafu 2. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(3).

5. Meta tadottata l-miżuri msemmija fil-paragrafi 3 u 4, il-Kummissjoni għandha tqis dan li ġej:

   (a) il-kosteffikaċja tal-miżuri, inkluż l-impatt tagħhom fuq in-negozji b'mod partikolari intrapriżi żgħar u medji;

   (b) il-kompatibbiltà mas-sistemi tat-traċċabbiltà disponibbli f'livell internazzjonali.

KAPITOLU III

L-istandards Ewropej li jipprovdu l-preżunzjoni tal-konformità

Artikolu 16

It-talbiet tal-istandardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni

1. Il-Kummissjoni tista' titlob organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni, waħda jew aktar, biex tabbozza jew tidentifika standard Ewropew, bil-għan li tiżgura li l-prodotti li jkunu konformi ma' standard bħal dan jew partijiet minnu, ikunu konformi mar-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali stabbilit fl-Artikolu 4. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina r-rekwiżiti fejn jidħol il-kontenut, li jridu jintlaħqu mill-istandard Ewropew mitlub u skadenza għall-adozzjoni tiegħu.

   Il-Kummissjoni għandha tadotta t-talba msemmija fl-ewwel subparagrafu b'deċiżjoni ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(3).

2. Fi żmien xahar wara li tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, l-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni rilevanti għandha tindika jekk hijiex se taċċettaha.

3. Meta ssir talba għal għoti ta' fondi, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni rilevanti fi żmien xahrejn wara li tirċievi l-aċċettazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, dwar l-għoti ta' għotja biex ikun abbozzat standard Ewropew

4. L-orgagnizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet li jsiru għall-iżvilupp tal-istandard Ewropew imsemmi fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni, flimkien mal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, għandha tivvaluta l-konformità tal-istandards Ewropej abbozzati jew identifikati mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni mat-talba inizjali tagħha.

5. Meta l-istandard Ewropew jissodisfa r-rekwiżiti li jkollu l-għan ikopri u r-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali stabbilit fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha tippubblika referenza għal tali standard Ewropew mingħajr dewmien f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 17

Oġġezzjonijiet formali kontra standards Ewropej

1. Meta Stat Membru jew il-Parlament Ewropew iqis li standard Ewropew imsemmi fl-Artikolu 16 ma jkunx jissodisfa għalkollox ir-rekwiżiti li jkollu l-għan ikopri u r-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali stabbilit fl-Artikolu 4, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni dwaru bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tiddeċiedi:

   (a) li tippubblika, li ma tippubblikax jew li tippubblika b'restrizzjoni r-referenzi għall-istandard Ewropew konċernat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

   (b) li żżomm, li żżomm b'restrizzjoni jew li tirtira r-referenzi għall-istandard Ewropew konċernat li hemm f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika informazzjoni fil-websajt tagħha dwar l-istandards Ewropej li jkunu ġew soġġetti għal deċiżjoni li tissemma fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni kkonċernata dwar id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u, jekk ikun meħtieġ, titlob reviżjoni tal-istandards Ewropej konċernati.

4. Id-deċiżjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi adottata skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 19(2).

5. Id-deċiżjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi adottata skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(3).

KAPITOLU IV

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 18

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa [*insert date - 3 months prior to the date of application of this Regulation*] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iqisu d-daqs tal-impriżi u b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-intrapriżi żgħar u medji. Il-penali jistgħu jiżdiedu jekk qabel, l-operatur ekonomiku rilevanti ikun għamel ksur simili u jistgħu jkunu jinkludu sanzjonijiet kriminali għal ksur serju.

Artikolu 19

Il-proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn Kumitat. Dan il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

   Madanakollu, għall-finijiet tal-Artikoli 16 u 17 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Meta l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 tkun trid tinkiseb bi proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu taż-żmien biex tingħata l-opinjoni, dan ikun deċiż mill-president ta' dan il-kumitat jew meta dan ikun mitlub minn maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat.

Artikolu 20

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati msemmija fl-Artikoli 13(3) u 15(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien mhux determinat minn [*insert date - the date of entry into force of this Regulation*].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 13(3) u 15(3) tista' titneħħa f'kull waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'din id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew aktar tard skont data speċifikata fiha. Din ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att iddelegat li diġà jkun fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess waqt.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 13(3) u 15(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dan l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dan il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 21

Evalwazzjoni

Mhux aktar tard minn [ħames] snin wara d-data tal-applikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tgħaddi rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jivvaluta jekk dan ir-Regolament ikunx laħaq l-għanijiet tiegħu, b'mod partikolari fejn jidħol iż-żieda tal-protezzjoni tal-konsumaturi kontra prodotti perikolużi, filwaqt li jitqies l-impatt tiegħu fuq in-negozju u b'mod partikulari fuq intrapriżi żgħar u medji.

Artikolu 22

Revoka

1. Id-Direttiva 2001/95/KE hija rrevokata b'effett minn [*insert date - day of application of this Regulation*].

2. Id-Direttiva 87/357/KEE hija rrevokata b'effett minn [*insert date - day of application of this Regulation*].

3. Ir-referenzi għad-Direttiva 2001/95/KE u għad-Direttiva 87/357/KE għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness.

Artikolu 23

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. L-Istati Membri ma għandhomx ixekklu d-disponibbiltà fis-suq ta' prodotti koperti mid-Direttiva 2001/95/KE li jkunu konformi ma' dik id-Direttiva u li jitqiegħdu fis-suq qabel [*insert date - day of application of this Regulation*].

2. L-istandards Ewropej li r-referenza tagħhom tkun ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2001/95/KE għandhom jitqies bħala l-istandards Ewropej imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

3. Mandati li tagħti l-Kummissjoni lil xi organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni skont id-Direttiva 2001/95/KE għandhom jitqiesu bħala t-talbiet tal-istandardizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(1) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 24

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fi [insert date - the same day as entry into force of Regulation (EU) No […/…][on market surveillance of products].
2. Dan għandu japplika minn [insert date - the same day as date of application of Regulation (EU) No […/…][on market surveillance of products].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

Anness

Tabella ta' korrelazzjoni

Id-Direttiva 2001/95/KE	Id-Direttiva 87/357/KEE	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1(1)		L-Artikolu 1
L-Artikolu 1(2), l-ewwel subparagrafu		L-Artikolu 2(1)
L-Artikolu 1(2), it-tieni subparagrafu		L-Artikolu 2(4)
L-Artikolu 2		L-Artikolu 3
L-Artikolu 2(b)(i)-(iv)		L-Artikolu 6(1)
L-Artikolu 3(1)		L-Artikolu 4
L-Artikolu 3(2)		L-Artikolu 5
L-Artikolu 3(3)		L-Artikolu 6(2)
L-Artikolu 3(4)		-
L-Artikolu 4		L-Artikoli 16 u 17
L-Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu		L-Artikolu 8(8)
L-Artikolu 5(1), it-tieni subparagrafu		-
L-Artikolu 5(1), it-tielet subparagrafu		L-Artikolu 8(9)
L-Artikolu 5(1), ir-raba' subparagrafu		L-Artikolu 8(3), (6) u (7)
L-Artikolu 5(1), il-ħames subparagrafu		-
L-Artikolu 5(2)		L-Artikolu 11
L-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu		L-Artikolu 8(9) u l-Artikolu 11(5)
L-Artikolu 5(3), it-tieni subparagrafu		-
L-Artikolu 5(4)		-

L-Artikolu 6(1)		-
L-Artikolu 6(2) u (3)		-
L-Artikolu 7		L-Artikolu 18
L-Artikolu 8(1)(a)		-
L-Artikolu 8(1)(b)-(f)		-
L-Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu		-
L-Artikolu 8(2), it-tieni subparagrafu		-
L-Artikolu 8(2), it-tielet subparagrafu		-
L-Artikolu 8(3)		-
L-Artikolu 8(4)		-
L-Artikolu 9(1)		-
L-Artikolu 9(2)		-
L-Artikolu 10		-
L-Artikolu 11		-
L-Artikolu 12		-
L-Artikolu 13		-
L-Artikolu 14		-
L-Artikolu 15		L-Artikolu 19
L-Artikolu 16		-
L-Artikolu 17		-
L-Artikolu 18(1)		-
L-Artikolu 18(2)		-
L-Artikolu 18(3)		-
L-Artikolu 19(1)		-
L-Artikolu 19(2)		L-Artikolu 21

L-Artikolu 20		-
L-Artikolu 21		-
L-Artikolu 22		L-Artikolu 22
L-Artikolu 23		L-Artikolu 24
L-Anness I, it-Taqsima 1		L-Artikolu 8(9) u l-Artikolu 11(5)
L-Anness I, it-Taqsima 2, l-ewwel sentenza		-
L-Anness I, it-Taqsima 2, it-tieni sentenza		L-Artikolu 13(1) u (2)
L-Anness I, it-Taqsima 3		-
L-Anness II		-
L-Anness III		-
L-Anness IV		L-Anness
	L-Artikolu 1	L-Artikolu 6(1)(e)
	L-Artikoli 2 sa 7	-

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma tal-politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i bagitarja affettwat(i)

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Parteċipazzjoni minn partijiet terzi fil-finanzjament

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur

1.2. Qasam/Oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[22]

Titolu 17 – Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumatur – Kapitolu 17 02: Politika tal-konsumatur

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[23]

X Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni mmirat(i) bil-proposta/inizjattiva

Il-proposta tagħti sehemha fl-istrateġija tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea għal għaxar snin "Ewropa 2020" billi ttejjeb il-kunfidenza tal-konsumatur fis-sigurtà tal-prodotti u ttejjeb il-funzjonament tas-suq uniku.

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività/ajiet tal-ABM/ABB ikkonċernata/i

L-għan speċifiku tas-SANCO: Li tiġi kkonsolidata u mtejba s-sigurtà tal-prodotti b'sorveljanza effettiva tas-suq fl-Unjoni

[22] ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Bagit Ibbażat fuq l-Attività.

[23] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. Riżultat(i) mistenni(ja) u l-impatt

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Fuq il-konsumaturi: Tisssaħħaħ mill-ġdid il-kunfidenza li l-prodotti tal-konsumatur disponibbli fis-suq uniku huma siguri.

Fuq l-operaturi ekonomiċi: Regoli aktar ċari fir-rigward tal-obbligi rispettivi fuq il-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri.

Fuq l-awtoritajiet: Qafas legali ċar li jinforza r-rekwiżit tas-sigurtà ġenerali u l-obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi u identifikazzjoni aħjar ta' prodotti għall-konsumatur (perikoluż).

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Proporzjon ta' prodotti għall-konsumatur traċċabbli/mhux traċċabbli li huma koperti minn dan ir-Regolament u notifikati skont ir-RAPEX.

L-għadd ta' mandati lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni u l-għadd ta' standards Ewropej li jirreferi għalihom il-ĠU skont ir-Regolament il-ġdid.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fi żmien qasir jew fit-tul

L-għan huwa li jinbena qafas regolatorju konsistenti għal prodotti siguri fis-suq uniku. Dan għandha jegħleb il-frammentazzjoni tar-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi fost diversi atti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (id-Direttiva 2001/95/KE, ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 u l-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur) li wasslu għal konfużjoni kemm lill-operaturi ekonomiċi kif ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali u xekklet serjament l-effikaċja tal-attività tas-sorveljanza tas-suq fl-Unjoni.

Flimkien ma' serje ta' azzjonijiet oħra, l-Att dwar is-Suq Uniku I u II identifikaw ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti bħala parti mill-Pakkett dwar is-Sigurtà tal-Prodotti u s-Sorveljanza tas-Suq bħala inizjattivi importanti biex jgħinu ħalli tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva 2001/95/KE li se tintegra l-modifiki tat-Trattat ta' Lisbona, tista' ssir biss fuq livell ta' Unjoni. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jirreferi għalih ukoll l-Artikolu 169 tat-TFUE, sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi Ewropej kollha u jinħoloq suq intern għall-prodotti għall-konsumatur.

F'konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u s-sussidjarjetà, kif inhu stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat

L-użu ta' standards Ewropej bħala appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE huwa wisq u jeħtieġ ħafna riżorsi. Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika l-proċeduri.

L-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE fejn jidħlu l-miżuri tas-sorveljanza tas-suq għal prodotti għall-konsumatur koperti wkoll minn leġiżlazzjoni speċifika għas-settur mhux dejjem kienet ċara liema se tiġi ċċarata.

1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn

Din il-proposta hija parti minn Pakkett dwar is-Sigurtà tal-Prodotti u s-Sorveljanza tas-Suq u għalhekk hija koerenti għalkollox mal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sorveljanza tas-suq tal-prodotti.

Din il-proposta tallinja d-definizzjonijiet u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi mal-Qafas Leġiżlattiv il-Ġdid adottat fl-2008. Għalhekk din hija koerenti mal-"Pakkett ta' Allinjament" tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni speċifika għas-settur li bħalissa qed tiġi nnegozjata fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill.

Id-dispożizzjonijiet dwar l-istandards Ewropej huma koerenti mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea li ġie adottat dan l-aħħar.

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva **b'tul taż-żmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

X Il-proposta/inizjattiva **b'tul taż-żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– u wara tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Il-metodu/i ta' ġestjoni previst(i)[24]

X **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

X **Ġestjoni indiretta ċentralizzata** bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

– x aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[25]

– ☐ korpi nazzjonali mis-settur pubbliku/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (*trid tiġi speċifikata*)

Jekk jiġi indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok aġħti d-dettalji fit-taqsima tal-"Kummenti".

Kummenti:

L-implimentazzjoni tar-Regolament propost għandha tkun żgurata b'ġestjoni diretta ċentralizzata mill-Kummissjoni.

Il-ġestjoni tar-Regolament propost tista' tkun komplimentata minn azzjonijiet bl-involviment tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC) li, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002[26], tista' tkun fdata b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità. Il-Kummissjoni fdat[27] lill-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi bil-kompiti ta' implimentazzjoni għall-ġestjoni tal-Programm ta' Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-Konsumatur għall-2007-2013. Għaldaqstant il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tafda wkoll lill-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi b'kompiti ta' implimentazzjoni għall-ġestjoni tal-Programm tal-Konsumatur 2014-2020, li, ladarba jiġu adottati, dawn għandhom ikunu l-bażi legali għall-akkwist u l-għotjiet fil-qasam tas-sigurtà tal-prodotti.

Il-programm ta' delega previst se jkun l-estensjoni tal-kompiti li diġà ġew esternalizzati lill-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC).

---

[24] Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[25] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

[26] ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

[27] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 4943 tad-9 ta' Settembru 2008.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Kumitat tal-GPSD (li r-Regolament propost se jibdlu f'Kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011) u gruppi eżistenti ta' esperti u/jew il-Forum Ewropew għas-Sorveljanza tas-Suq previst fil-proposta għal regolament dwar is-sorveljanza tas-suq uniku se jipprovdu pjattaforma regolari biex jiġu diskussi kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid.

Il-proposta tissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha tirrevedi l-implimentazzjoni tiegħu u tressaq rapport dwar dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat/i

Iż-żewġ proposti (dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti u dwar is-sorveljanza tas-suq) li huma parti mill-Pakkett, ġew isseparati minn xulxin waqt in-negozjati leġiżlattivi u ma jiżviluppawx b'mod parallel.

2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previst(i)

Id-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-seħħ huma interkonnessi fiż-żewġ proposti.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Minbarra l-applikazzjoni ta' kull mekkaniżmu regolatorju ta' kontroll, id-DĠ SANCO se joħloq strateġija kontra l-frodi allinjata mal-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni kontra l-frodi (CAFS; adottata fl-24 ta' Ġunju 2011) sabiex jiżgura li fost l-oħrajn, il-kontrolli interni relatati ma' kontra l-frodi jkunu allinjati bis-sħiħ mal-CASF u l-approċċ tiegħu għall-ġestjoni kontra l-frodi jitħaddem b'tali mod li jsib oqsma b'riskju ta' frodi u tweġibiet xierqa għalihom. Meta jkun hemm bżonn, jitwaqqfu gruppi ta' netwerking u għodod xierqa tal-IT biex jiġu analizzati l-każijiet ta' frodi relatati mal-Programm tal-Konsumatur. B'mod partikolari se tiddaħħal fis-seħħ serje ta' miżuri bħal:

- deċiżjonijet, ftehimiet u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Programm tal-Konsumatur u li jintitolaw espressament lill-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, u lill-Qorti tal-Awdituri biex iwettqu verifiki, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post;

- waqt il-fażi tal-evalwazzjoni ta' sejħa għall-proposti/offerti, il-proponenti u l-offerenti jiġu ċċekkjati skont il-kriterji tal-esklużjoni ppubblikati abbażi tad-dikjarazzjonijiet u tas-Sistema ta' Twissija Bikrija (EWS);

- ir-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà tal-ispejjeż se jiġu ssimplifikati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

- taħriġ regolari dwar kwistjonijiet relatati ma' frodi u irregolaritajiet se jingħata lill-persunal kollu involut fil-ġestjoni tal-kuntratti kif ukoll lill-awdituri u lill-kontrolluri li jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet tal-benefiċjarji fuq il-post.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit affettwat(i)

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Għadd [Deskrizzjoni……..…….]	Diff./mhux diff. (28)	mill-pajjiżi tal-EFTA[29]	minn pajjiżi kandidati[30]	minn pajjiżi terzi	fit-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
Nru 3: Sigurtà u ċittadinanza	17.01.04.01 Nefqa amministrattiva b'appoġġ għall-Programm tal-Konsumatur 2014 - 2020	Ebda diff.	IVA	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Għadd [Intestatura…..]	Diff./mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fit-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
Nru 3: Sigurtà u ċittadinanza	17 02 01 Programm tal-Konsumatur 2014 - 2020	Diff.	IVA	IVA	LE	LE

28 Diff:= Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati

29 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

30 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa[31]

EUR miljuni fi prezzijiet attwali (sa 3 punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	3	Sigurtà u ċittadinanza

DĠ: SANCO			2015	2016	2017	2018	2019	2020	**TOTAL**
• Approprjazzjonijiet operattivi									
Numru tal-linja baġitarja 17.02.01	Impenji	(1)	1,107	1,189	1,272	1,356	1,443	1,530	**7,897**
	Pagamenti	(2)	0,554	1,148	1,230	1,314	1,400	2,251	**7,897**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi[32]									
Numru tal-linja baġitarja: 17.01.04.01	Impenji	(1a)	0,094	0,094	0,094	0,094	0,094	0,094	**0,564**
	Pagamenti	(2a)	0,094	0,094	0,094	0,094	0,094	0,094	**0,564**
Approprjazzjonijiet TOTALI għad-DĠ SANCO	Impenji	=1+1a	1,201	1,283	1,366	1,450	1,537	1,624	**8,461**
	Pagamenti	=2+2a	0,648	1,242	1,324	1,408	1,494	2,345	**8,461**

31 L-ammonti soġġetti għall-eżitu tal-proċess leġiżlattiv ibbażat fuq il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali il-ġdid 2014-2020.

32 L-għajnuna u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

• Approprjazzjonijiet operattivi TOTALI	Impenji	(3)	1,107	1,189	1,272	1,356	1,443	1,530	**7,897**
	Pagamenti	(4)	0,554	1,148	1,230	1,314	1,400	2,251	**7,897**
•Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(5)	0,094	0,094	0,094	0,094	0,094	0,094	**0,564**
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=3+ 5	1,201	1,283	1,366	1,450	1,537	1,624	**8,461**
	Pagamenti	=4+ 5	0,648	1,242	1,324	1,408	1,494	2,345	**8,461**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	**5**	"Nefqa amministrattiva"

EUR miljuni fi prezzijiet attwali (sa 3 punti deċimali)

		2015	2016	2017	2018	2019	2020	**TOTAL**
• Riżorsi umani		0,524	0,524	0,524	0,524	0,524	0,524	**3,144**
• Nefqa amministrattiva oħra (missjonijiet, laqgħat)		0,069	0,069	0,069	0,069	0,069	0,069	**0,414**
TOTAL	Approprjazzjonijiet	0,593	0,593	0,593	0,593	0,593	0,593	**3,558**

Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0,593	0,593	0,593	0,593	0,593	0,593	**3,558**

EUR miljuni fi prezzijiet attwali (sa 3 punti deċimali)

		2015	2016	2017	2018	2019	2020	**TOTAL**
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	1,794	1,876	1,959	2,043	2,130	2,217	12,019
	Pagamenti	1,241	1,835	1,917	2,001	2,087	2,938	12,019

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi

– Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenji f'EUR miljuni fil-prezzijiet attwali (sa 3 punti deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati ⇩			2015		2016		2017		2018		2019		2020		TOTAL	
	Tip ta' riżultat[33]	Kost medju tar-riżultat	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd totali ta' riżultati	Total tal-kost
GĦAN SPEĊIFIKU: li tiġi kkonsolidata u mtejba s-sigurtà tal-prodotti b'sorveljanza effettiva tas-suq fl-Unjoni																
Riżultat																
Sigurtà tal-prodott parir xjentifiku, koperazzjoni internazzjonali, monitoraġġ u valutazzjoni tas-sigurtà tal-prodotti, bażi tal-għerf		1,316	4	1,107	4	1,189	4	1,272	4	1,356	4	1,443	4	1,530	**24**	**7,897**
Subtotal għall-għan speċifiku li tiġi kkonsolidata u mtejba s-sigurtà tal-prodotti b'sorveljanza effettiva tas-suq fl-Unjoni			4	1,107	4	1,189	4	1,272	4	1,356	4	1,443	4	1,530	**24**	**7,897**

[33] Ir-riżultat ifisser li jkun żgurat livell għoli tas-sigurtà tal-prodott għall-konsumatur. Ikun diffiċli biex dan jibqa' jinqasam f'riżultati kwantitattivi għax, minħabba n-nuqqas ta' dejta affidabbli, ma jistax jintwera f'termini assoluti jew relattivi għadd immirat għal prodotti anqas perikoluży fis-suq. L-għadd ta' notifiki tar-RAPEX mhux bilfors jirrifletti l-għadd ta' prodotti perikoluży fis-suq. Żieda fl-għadd ta' notifiki tar-RAPEX tista' tfisser aktar sorveljanza effettiva tas-suq iżda prodotti inqas siguri jew viċeversa.

KOST TOTALI	4	1,107	4	1,189	4	1,272	4	1,356	4	1,443	4	1,530	**24**	**7,897**

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni fi prezzijiet attwali (sa 3 punti deċimali)

	2015	2016	2017	2018	2019	2020	**TOTAL**
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani	0,524	0,524	0,524	0,524	0,524	0,524	**3,144**
Nefqa amministrattiva oħra	0,069	0,069	0,069	0,069	0,069	0,069	**0,414**
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,593	0,593	0,593	0,593	0,593	0,593	**3,558**

Barra l-INTESTATURA 5[34] tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani	0	0	0	0	0		0
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,094	0,094	0,094	0,094	0,094	0,094	**0,564**
Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0,094	0,094	0,094	0,094	0,094	0,094	**0,564**

TOTAL	0,687	0,687	0,687	0,687	0,687	0,687	**4,122**

[34] L-għajnuna u n-nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni fi prezzijiet attwali (sa 3 punti deċimali)

		2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
17 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		0,524	0,524	0,524	0,524	0,524	0,524	**3,144**
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)		0	0	0	0	0		
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0		
10 01 05 01 (Riċerka diretta)		0	0	0	0	0		
XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")		0	0	0	0	0		
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)		0	0	0	0	0		
XX 01 04 ***yy*** [35]	fil-Kwartieri Ġenerali[36]	0	0	0	0	0		
	- fid-delegazzjonijiet	0	0	0	0	0		
XX 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka indiretta)		0	0	0	0	0		
10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta)		0	0	0	0	0		
Linji bażitarji oħra (speċifika)		0	0	0	0	0		
TOTAL		0,524	0,524	0,524	0,524	0,524	0,524	**3,144**

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji. Ir-riżorsi meħtieġa huma indikati mingħajr ma jitqiesu l-kompiti li se twettaq aġenzija eżekuttiva. Il-proposta ma twassalx biex jiżdiedu r-riżorsi li diġà huma involuti fl-aġenzija eżekuttiva.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Amministraturi: • Jiżguraw, jissorveljaw u jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni xierqa tal-politiki tal-UE fil-qasam tas-sigurtà tal-prodotti. • Isegwu l-iżviluppi fil-politika fil-qasam tas-sigurtà tal-prodotti u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri. • Jieħdu sehem u jirrappreżentaw lill-Kummissjoni f'laqgħat ta' komitoloġija u gruppi ta' esperti relatati mas-sigurtà tal-prodotti. • Jidentifikaw u jħejju inizjattivi fil-qafas tar-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Prodotti għall-Konsumatur biex ikun żgurat livell għoli u konsistenti tas-sigurtà tal-prodotti għall-konsumatur, b'mod partikolari l-mandati ta' standardizzazzjoni u l-valutazzjoni tal-istandards u l-

[35] Taħt il-limitu ta' persunal estern minn approprjazzjonijiet operattivi (dawk li kienu linji "BA").

[36] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF).

	ispeċifikazzjonijiet li jappoġġaw l-applikazzjoni tar-Regolament. Assistenti: • Jiżguraw l-appoġġ amministrattiv mat-tħaddim tal-kumitat tal-komitoloġija u l-gruppi ta' esperti. • Iwettqu kompiti varji relatati mal-interfaċċa ma' korrispondenti interni u esterni u partijiet interessati fil-qasam tas-sigurtà tal-prodotti. • Jassistu fit-tnedija, il-ġestjoni u l-monitoraġġ ta' sejħiet għall-offerti u l-implimentazzjoni ta' kuntratti.

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– X Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzarju pluriennali l-ġdid 2014-2020 kif tipproponi l-Kummissjoni.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi l-programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti. NA

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali[37].

Spjega dak li huwa meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti. NA

3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

– Il-proposta ma tipprevedi l-ebda kofinanzjament minn partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

[37] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.